MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 394/2002/1

**Jason Grima**

**vs**

**R & R Waste Kleaners Limited u Robert Debono u Joseph Debono ghal kull interess li jista' jkollhom**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta et ghall-hlas tal-ammont ta' elf sebgha mija u sitta u tmenin lira u tmenin centezmu (Lm1786.80) ghall-servizz tal-ilma bil-bowzer li inghata lill-Qawra Palace Hotel u t-Topaz Hotel fil-perjodu ta' Settembru u Ottubru 2000 mill-attur Jason Grima, fuq inkarigu ta' Joseph Debono f'isem R & R Waste Kleaners Limited li f'dak iz-zmien kellha kuntratt tal-ilma bil-bowzer mal-imsemmija lukandi.

Bl-ispejjez inkluzi l-mandat ta’ sekwestru numru 1285/02.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex is-socjeta konvenuta et twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fis-7 ta' Jannar 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li rat, skond kif risultanti mill-verbal tas-seduta tallum stess u kif dikjarat mill-attur, illi l-ammont in kwistjoni hu dovut mis-socjeta’ konvenuta, wahedha.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz fil-konfront ta’ Robert Debono u Joseph Debono, tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attur s-somma ta' Lm1786.00,0 bl-imghax legali mid-data tal-presentata tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1285/02 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-istess mandat ta’ sekwestru kawtelatorju.

--------------------------------TMIEM--------------------------------